Minuti tal-Laqgħa Nru. 15 tal-Kumitat Amministrattiv ta’ Ħal-Farruġ fil-Kunsill Lokali ta’ Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 8 ta’ Novembru 2011 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | il-Membri |
| Ic-Chairperson | Is-Sur. Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur. Martin Borg<br>Is-Sur. Kerstin Gatt<br>Is-Sur. Gejtu Calleja<br>Is-Sur. Raymond Ellul |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

**AĠENDA**

- Qari tal-minuti tal-laqgħa ta qabel
- Punti mqajjma mill-minuti
- Xogħolijiet
- Attivita għal Milied
- Korrispondenza
- Egħluq il-laqgħa

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.0 Il-minuti inqraw u ġew ikkonfermati.

## 2. PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Is-Sur. Ellul semma li kellhom ikunu infurmati l-Arriva il-għala l-X4 ma kinux qed jgħaddu min Ħal Farruġ. Huwa qal li fl-email li ntbagħtet lilu min naħa tas-Segretarju ma kien hemm xejn imniżżel dwar ir-rotta X4 li fuqha kien għamel il-mistoqsijiet tiegħu.

2.2 Is-Sur. Saliba semma li xorta waħda kien qed ikun hemm karozza tat-traport pubbliku li kienet qqed tgħaddi min ġo Ħal Farruġ.

## 3. XOGĦOLIJIET

3.1 Is-Sur. Ellul saqsa il-għala Triq Wied in-Noqor ma saritx meta din kienet imsemmija li kellha ssir bħala parti min Triq il-Vitorja. Is-Segretarju ippreżenta payment request dwar Triq il-Vitorja fejn wera li l-flus li kien hemm allokati fuq Triq il-Vitorja min naħa tal-iskema kien minfuqa kollha u ma kienx għad fadal biżejjed biex issir Triq Wied in-Noqor.

3.2 Is-Sur. Ellul saqsa wkoll fuq il-bollards li kienu proposti biex isiru madwar il-bandli. Is-Segretarju wieġeb li daqs jumejn ilu dawn għadhom kif kienu imwaħħlin u se tinxtara l-katina biex tkun imdendla magħhom.

**Wara li ssemmiet it-Triq Is-Sur. Raymond Ellul u s-Sur. Gejtanu Calleja ħarġu l-barra flimkien mingħajr ma taw raġuni. Il-laqgħa kienet imwaqqfa temporanjament peress li ma kienx hemm biżejjed membri preżenti biex titkompla l-laqgħa.**

3.2 Is-Sur. Gatt semma li fi Triq il-Qasam Sperimentali hemm bżonn li jintuża l-velenu tal-ġrieden peress li qed ikun hemm ħafna ġrieden.

3.3 Is-Sur. Saliba semma li hemm bankina li tiġi viċin fejn hemm il-kappella li għandha bżonn li titranġalla l-wiċċ tagħha.

## 4. ATTIVITA GĦAL MILIED

4.1 Is-Sur. Saliba semma li huma kienu tkellmu mal-Kappillan rigward il-party tal-Milied għat tfal. Il-Kappillan infurmahom li l-Knisja tista toħroġ parti mill-ispejjeż.

4.2 Is-Segretarju saqsa xi kemm ikun hemm bħala tfal għal party tal-Milied. Ic-chairperson semma li jkun hemm bejn l-40 ul-50 ruħ. Is-Segretarju semma li għalhekk għandha tingħata data u jibdew t-tħejjijiet.

4.3 Is-Sur. Gatt issuġġerrixxa biex jinħarġu leaflets u jitqassmu fuq din l-okkażżjoni. Fuq dawn il-leaflets anki jingħataw informazzjoni fuq ix-xogħol li sar min naħa tal-Kumitat Amministrattiv.

**5.0 KORRISPONDENZA**

5.1 Is-Sur.Gatt semma li hemm bozza li tinsab fil-kantuniera fejn hemm Triq San Vinċenz li mhijiex tixgħel. Huwa qal lis-Segretarju biex din tiġi rapportata.

5.2 Is-Sur. Gatt qal li hemm bżonn li ssir xi ħaġa rigward il-klieb peress li qed ikun hemm bosta klieb li jistgħu jkunu ta periklu għar residenti. Is-Sur. Borg wieġeb li fuq din il-problema kienu diġa kellmu lil Animal Welfare imma peress li dawn ikunu abbandunati huma ma jkunu jistgħu jagħmlu xejn fuqhom.

5.3 Is-Sur. Gatt semma li kien hemm residenti li joqogħdu fil-Blokok tal-ex servizzi Ingliżi ta Triq Wied in-Noqor li gergru minħabba li kien skip li tpoġġiet quddiem ir-residenza tagħhom. Is-Sur. Saliba irrisponda li huwa importanti li jara l-każ sewwa qabel ma jitkellem fuqu peress li l-każ huwa differenti ħafna min dak li sema mingħand ir-residenti peress li l-iskip ma kinitx vera quddiem ir-residenza kif intqal mir-residenti.

5.4 Is-Sur. Borg semma li x-xewk li kien hemm maġenb il-passaġġ kien tneħħa u hemm bżonn li s-siġra tax-xewk tinqatel għal kollox biex ma jerġax jinbet.

**Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar It-Tlieta 8 ta' Novembru 2011 fis-6.30 p.m.**

.

Konfermati llum ______________________ 2011.

____________________ ____________________

Raymond Saliba — Chairperson

Michael Portelli — Segretarju Eżekuttiv